RABAT

***KUNSILL LOKALI IR-RABAT***

**MINUTI tal-Laqgħa F44**
**Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**Il-Hamis 24 ta' Mejju 2012 fis-7.00 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sna Doris Coleiro | Vici-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |
| Dr. Robert Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| | |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Ezekuttiv |

**Skużata:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Odette Manicaro | Kunsillier |

**1.00 Qari u approvazzjoni tal-Minuti F43**

1.01 Il-Vici Sindku Doris Coleiro pproponiet li l-minuti tas-seduta numru F43 tal-Kunsill jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsillier Paul Grech. Il-minuti gew approvati. — Approvazzjoni tal-Minuti Laqgha F43

**2.00 Korrezzjonijiet F43**

2.01 Dwar minuta 5.07, il-Kunsillier Robert Micallef talab li tigi ememdata hekk kif gej: — Korrezzjonijiet F43

Il-Kunsillier Antoine Borg sahaq dwar il-bzonn li tigi irrangata l-bankina li hemm go Triq Santa Rita quddiem id-*Digital Mark*. Hu kompla billi qal li din il-bankina qed tkun ta' periklu ghal pubbliku u ghalhekk ippropona li jekk sid l-izvilupp jibqa ma jaghmilx din il-bankina l-Kunsill ghandu jibghatlu ittra bl-avukat. Il-Kunsill qabel.

** Il-Kunsillier Antoine Borg u l-Kunsillier Rudolf Grima dahhlu ghal-laqgha fis-7.15 p.m.



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

**3.00 Punti li johorgu mill-Minuti F43**

| | | |
|---|---|---|
| 3.01 | 3.01 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat l-laqgha li TM kienet baghtet il-proposti taghha dwar ir-*reserved parking spaces* tal-*coaches* u l-*mini-buses* ta' hdejn l-Ghalqa ta' Kola u l-Wesgha tal- Muzew u li issa kienu qed jistenna l-kummenti tal-Kunsill dwar dan.<br><br>Wara li s-Segretarju Ezekuttiv qrat il-proposti ta' Tm saret diskussjoni dwar dan. Il-Kunsill qabel mal-proposti ta' Tm li jizdidu numru *ta' parking spaces* fil-parkegg tal-Ghalqa ta' Kola hdejn ic-*central strip*, u li dawn ikunu riservati ghal karrozzi privati. Kien hemm qbil ukoll li parkegg riservat tac-cimiterju jibqa riservat ghal funeral sal-5p.m sabiex fil-ghaxija din tkun tista tintuza mir-residenti. Rigward il-parkegg riservat ghal *mini buses* il-kunsill ssugerixxa li bejn id-9.00p.m u t-8.00a.m dan ikunu jistghu jintuza mir-residenti u dan jista jidhol fis-sehh b'mod immedjat u ma hemmx ghalfejn wiehed joqghod jistenna sa Ottubru. | Laqgha ma' Tm dwar ir-*reserved parking spaces* tal-*coaches* u l-*mini-buses* ta' hdejn l-Ghalqa ta' Kola u l-Wesgha tal-Muzew |
| 3.02 | 4.05 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat il-laqgha li Kunsilli kien ghadu ma rcieva l-ebda risposta minghand TM dwar Vjal l-Haddiem. Hija fakkret lil Kunsill li skond dak li gie deciz f' seduta F43, il-Kunsill kellu jiehu decizzjoni dwar jekk ghandiex issir konferenza stampa fil-granet li gejjin.<br><br>Il-Kunsillier Rudolf Grima ssugerixxa li qabel il-Kunsill immur ghal konferenza stampa ghandna nitolbu laqgha mal-Kap Ezukuttiv ta' TM is-Sur Stanley Portelli.<br><br>Il-Kunsillier Robert Micallef ssugerixxa li ghandna niktbu ukoll lid-Dipartiment ghal Gvern Lokali u lil Ministru Austin Gatt.<br><br>Kien hemm qbil li l-konferenza stampa ma ssirx ghalissa. | Konferenza stampa dwar Vjal il-Haddiem |
| 3.03 | 4.06 Il-Kunsill qabel li terga tinbghat *reminder* lil TM dwar iz-*zebra cross* ta' Triq Hal Tartarni | Konferenza Stampa dwar Triq Hal Tartarni ma' Triq it-Torri |
| 3.04 | 11.00 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat il-laqgha li dwar l-ghazla tat-*Tender* RLC/T/112/2012 kien dahhal appell mill-Kumpanija Frank Borda Ltd. | Ghazla tat-*Tender* RLC/T/112/2012 – *Supply and Installation of a Photovoltaic (PV) Generation System* |
| 3.05 | 14.00 Kien hemm qbil li minkejja li se jinharreg it-*Tender* kull triq li jkun ser jinbeda ix-xoghol fuqha ghanda tittella' ghal approvazzjoni tal-Kunsill. | Hrug ta' *Tender* ghall-Kisi ta' toroq bil-*hot asphalt* |

**Sospensjoni tar-Regolamenti**

Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li item 6 jigi diskuss qabel l-items l-ohra peress li minhabba mpenji ohra ma setghax jibqa' ghal-laqgha kollha. Il-Kunsill approva.

** Is-Sindku Alexander Craus dahal ghal-laqgha fis-7.55 p.m.

**6.00 Mozzjoni 003/12**

Il-Kunsillier Robert Micallef ipprezenta Mozzjoni 003/12 li titratta dwar certu aspetti tas-servizz tat-transport pubbliku fir-Rabat. Il-qofol tal-mozzjoni hija dwar weghdit fundamentali li ghamlet Transport Malta lil Kunsill u li sal llum ghadhom mhux imwettqa. L-istess mozzjoni telenka ukoll certu nuqqasijiet kif spjegati f'paragrafi A,B,C,D. Mozzjoni 003/12 dwar certu aspetti tas-servizz tat-transport pubbliku fir-Rabat

Il-Kunsillier Robert Micallef sahaq li l-Kunsill mhu qed jitlob xejn straordinarju, izda dak li kien gie mwieghed. Hu kompla billi spjega kif l-*inter-change* mhux qed jithaddem kif mifthem, ghaliex il-ftehim mal-Kunsill kien li l-*inter-change* kien ser jintuza biss, biex tieqaf il-karozza tal-linja sabiex tghabbi l-passigieri u titlaq. Huwa qal li l-laqgha li saret mar-residenti, TM u r-rapprezentat mil-ufficju tal-Prim Ministru seta kien hemm min ha l-idea li l-Kunsill kien qed jaqbel mas-sistema tal-*inter-change* kif qed tahdem bhalissa u mhux ma' kif kienu qed jitolbu r-residenti. L-*inter-change* issa qed tahdem bhala venda u dan il-Kunsill qatt ma qabel mieghu u lanqas qatt giet diskussa mieghu. Huwa ghalhekk ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob biex din titnehha mill-aktar fis. Huwa ppropona wkoll li jsiru laqghat mar-residenti fejn jigi spjegat lilhom dan kollu. Semma wkoll il-fatt li tal-Virtu' mhux se jibqghu jinghataw is-servizz imwieghed.

Il-Kunsillier Rudolph Grima talab li ssir emenda fejn jinghad li l-*inter-change* ghandha titnehha u jinstab post iehor ghaliha jekk il-weghdiet li saru mhux se jitwettqu.

Il-Kunsillier Robert Micallef qal li ma jaqbilx li jsir dan ghaliex jekk intuhom cans biex jaghmlu t-tibdil se nkomplu nistennew aktar u ghalhekk zamm mal-pozizzjoni tieghu.

Is-Sindku Alexander Craus qal li m'ghandu l-ebda oggezzjoni li l-*inter-change* tigi reallokata. Hu ppropona li ghandha titntalab laqgha ma TM biex jigi diskuss il-reallokazzjoni tal-*inter-change* u anki li jsir titjieb fis-servizz.

Il-Kunsillier Antoine Borg qal li meta TM isibu post alternattiv, din ghandha tigi kkomunikata lil Kunsill biex imbghad il-kunsill ikun jista' jevalwa s-sit il-gdid li jkun suggerit. Kien hemm qbil dwar dan illi kemm TM kif ukoll Arriva jaraw fejn se jsibu post alternattiv.

Il-Kunsill qabel unanimament li issir talba ghar-reallokazzjoni tal-*inter-change*.

**4.00 Komunikazzjoni mis-Sindku nkluz korrispondenza**

4.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-Kunsill rcieva talba mill-Ministeru tar-Risozi u Affarijiet Rurali fejn qed jitolbna jekk il-Kunsill hux lest li jhallas ghall-installazzjoni tal-fanal bhala parti mill-Progett ta' Misrah Santu Wistin u Vjal Santu Wistin. Installazzjoni ta' Fanali Progett Misrah St. Wistin u Vjal St Wistin

Il-Kunsillier Nazju Cassar issugerixxa li l-fanali jigu parigg dawk li hemm fit-toroq l-ohra. Il-Kunsill qabel li nitolbu lil Ministeru jibghatilna ritratt tal-mudell li ser jigi installat

Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ppropona li dawn il-fanali jkollhom il-*holder* li jiehu bozzoz LED. Issekonda din l-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima

Il-Kunsill qabel unanimament li jhallas l-installazzjoni ta' dawn il-fanali

4.02 Is-Sindku Alexander Craus nforma l-laqgha li wara l-applikazzjoni li kien ghamel *Measure 313 – Rural Development*

l-kunsill taht *Measure 313 – Rural Development Programme 2007-2013* l-Kunsill gie infurmat li kien inghata is-somma ta' € 396,419.25 u s-somma ta' €79,869.06 bhala riserva. *Programme 2007-2013*

Is-Sindku qal li dan il-progett ta' *embellishment* tac-centru tar-Rabat ser jinkludi Triq Santa Rita u Triq San Katald. Huwa kompla billi qal li fil-granet li gejjin il-Kunsill ser jibda b'tahdit mal-entitajiet koncernati, u anke ser jinhargu t-tenders ghal xogholijiet konnessi ma dan il-progett.

4.03 Is-Sindku Alexander Craus nforma il-laqgha li l-kunsill kien ircieva twegiba minn Tm ghat-talba li ghamel dwar xogholijiet ta' rikostruzzjoni fi Triq l-Mantell, Triq ir-Rummien, Triq il-Gojjien u parti minn Triq in-Namura. Huwa kompla billi qal li TM fl-ittra taghha infurmat lil kunsill li ma tesproprjax art f'toroq residenzjali u li t-toroq ghandhom jigu iffurmati mis-sidien qabel TM tkun tista tasfalta t-toroq ghall-ewwel darba. Fl-ittra taghhom Tm qalet ukollli barra minhekk triq ghandha tkun mill-inqas 70% mibnija biex din tkun tista tigi asfaltata. Twegiba ta' TM dwar asfalt fi Triq l-Mantell, Triq ir-Rummien, Triq il-Gojjien u parti minn Triq in-Namura

4.04 Is-Sindku nforma l-laqgha li d-Dipartiment ghal Gvern Lokali kien gibed l-attenzjoni tal-kunsill dwar spiza ta' €170 f'reklam pubbliccitarju konness mal-Festa ta' San Guzepp li giet approvata f'seduta tal-kunsill tad-9 ta' Frar. Huwa kompla billi qal li id-dipartiment qed jishaq li dan il-hlas ghandu jitqies bhala donazzjoni u ghalhekk ma jistax isir. Fit-twegiba ghal dan il-kunsill wiegeb lid-dipartiment li dan ir-reklam m' ghandux jitqies bhala donazzjoni ghaliex filwaqt li min jaghti donazzjoni ma jiehu xejn lura ghal dak li jkun ta, f'dan il-kaz, il-Kunsill qed jaghti servizz bi hlas ghaliex qed jixtri spazju f'*magazine* sabiex'ibiegh' is-servizzi li joffri lil kommunita. Huwa qal li id-dipartiment fit-twegiba tieghu ghal dan baqa jsostni li din hija forma ta' donazzjoni u ma tistax issir u ghalhekk dan l-ammont ser jigi mnaqqas mill-allokazzjoni li jmiss. Reklam pubbliccitarju konness mal-Festa ta' San Guzepp

Il-Kunsill wera nuqqas ta' qbil ghat-twegiba li taghna d-dipartiment u qabel unanimament li ghalissa l-hlas ma jsirx sakemm il-kaz jigi konkluz bejn id-dipartiment u l-kunsill permezz tal-avukat tieghu.

Is-Sindku ppropona li b'dan il-kaz ghandna ninfurmaw li Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Issekondat din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro.

4.05 Is-Sindku nforma l-laqgha li x-xogholijiet infrastrutturali fi Triq Ghobbejra kienu waslu fil-fazi finali taghhom u li fil-jiem li gejjien kienu ser tinbeda Triq l-Gheriexem. Xogholijiet infrastrutturali fi Triq Ghobbejra u Triq l-Gheriexem.

**5.00 Komunikazzjoni mil-Kunsilliera**

5.01 Il-Kunsillier Rudolf Grima ppropona li issir laqgha mill-aktar fiss possibli fejn jigi diskuss ir-Rabat Arts Festival biss. Huwa sahaq dwar l-importanza li l-Kunsill jibda jahdem fuq din l-attivita' malajr kemm jista jkun ghaliex kulma faddal ghal din l-attivita huwa tlett xhur. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech *Rabat Arts Festival*

** Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li jigi skuzat fis-8.55p.m

5.01 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ppropona li jinqatgha il-haxix hazin ta' l-Awrenti. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Qtugh ta' haxix l-Awrenti

5.02 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ppropona li issir *Traffic Calmer* go Triq Francesco Azopardi tal-Virtu'. Dan minhabba li ssir sewqan eccessiv f'din it-triq imsemmija. Il-Sindku Alexander Craus issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel.

*Traffic Calmer* go Triq Francesco Azopardi tal-Virtu'

5.03 Il-Kunsillier Paul Grech ppropona li jinqatgha il-haxix hazin ta' l-*outskirts* tar-Rabat. Is-Sindku Alexander Craus issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel.

Qtugh ta' Haxix fl-*outskirts tar-Rabat*

**7.00 It-Twegiba tal-Kunsill ghall-*Management Letter***

7.01 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat fuq il-mejda tal-kunsill ir-Rapport tal-Awditur ghas-sena 2011 u spejegat l-punti li dan gibed l-attenzjoni dwarhom. Hi kompliet billi qalet, li l-amministrazzjoni tal-Kunsill minkejja li ma qablitx mal-punti kollha tal-*Management Letter* tinnota b'sodisfazzjon it-titjieb konsiderevoli li kien hemm bejn il-*Management Letter* tas-sena 2011 ghal dik ta' din is-sena, dwar l-operat tal-Kunsill. Kopja tar-Rapport tal-Awditur tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Ir-Rapport tal-Awditur ghas-sena 2011 u t-Twegiba tal-kunsill ghall-*Management Letter.*

Il-Kunsill wera l-apprezzament tieghu ghal mod li bih tmexxa l-Kunsill amministattivament u rringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv is-Sna Orietta Masini Cardona u lil s-*staff* tal-kunsill ghax-xoghol taghhom. Kopja tar-Rapport tal-Awditur tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat ukoll fuq il-mejda tal-kunsill t-twegiba tal-kunsill ghall-*Management Letter.* Wara li qrat t-twegiba tal-kunsill ghar-rapport tal-awditur is-Sindku Alexander Craus ppropona li tigi approvata hekk kif ipprezentat. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Antoine Borg. Kopja ta' din it-twegiba tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

** Il-Kunsillier Nazju Casar talab li jigi skuzat fis-9.20p.m

**8.00 *Quaterly Financial Statements* (Jan-Mar)**

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta fuq il-mejda tal-kunsill l-*Quaterly Financial Statements* ghal perjodu Jannar sa Marzu 2012.

*Quaterly Financial Statements* (Jan-Mar)

Saret diskussjoni dwar dawn il-*Quarterly Financial Statements*, partikolarment fejn ghandu x'jaqsam ma' manutenzjoni tal-bozoz u l-konkos ghat-trejqiet tal-bdiewa.

Is-Sindku qal li nefqa fil-manutenzjoni tal-bozoz u l-konkos ghat-trejqiet tal-bdiewa kienet wahda sostanzjali f'dawn it-tlett xhur minhabba il-maltemp li ghamel.

Il-Kunsillier Anotine Borg gibed l-attenzjoni dwar l-ammont ta' NI imhallas. Hu qal li l-ammont imhallas huwa gholi wisq u ghalekk talab li l-Kunsill jitlob spjega lil *accountant.*

Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-*Quarterly Report* jigi approvat hekk kif ipprezentat. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Kopja ta' dan il-*Quarterly Financial Statements* tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

**9.00 Minuti Kumitat Amministattiv Bahrija A17**

9.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA Bahrija A17 jittiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Antoine Borg ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Bahrija A17

**10.00 Minuti Kumitat Amministattiv Virtu A19**

10.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtu A19 jittiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Antoine Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Virtu A19

Is-Sindku Alexander Craus nforma l-laqgha li ix-xogholijiet fuq il-bankina ta Triq Francesco Azopardi kien inbeda.

**11.00 Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-hlasijiet**

11.01 Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-iskeda tal-hlasijiet numru 208 tigi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech.

L-iskeda tal-hlasijiet numru 208

**12.00 Aggornament**

12.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ghandha ssir nhar l-Hamis 21 ta' Gunju 2012 fis-7.00 p.m.

Aggornament

12.02 Il-laqgha ntemmet fil-9.50 p.m.

**Alexander Craus**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Ezekuttiv**